MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Numru 1117/2006

**Il-Pulizija**
(Spettur Alexander Grech)

vs

**Silvio Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Silvio Camilleri ta’ 34 sena bin Anthony u l-mejta Giovanna nee’ Polidano, mwieled Pieta’ fit-18 ta’ Mejju 1972 u joqghod No 9, Lady Day Promise, Triq l-Ghodda, Birzebbugia u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 243772(M).

Talli:

Fis-16 ta’ Ottubru 2006 ghal habta ta’ xi 9:10p.m. fi Triq Cottoner, Birgu, offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar fil-pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess jum, lok u hin u cirkostanzi b’ghemil zieni kkorrompa lil Marianne Bugeja, Roxanne Brignoli u lil Charmaine Decelis ta’ 13, 15, u 15-il sena rispettivament u dan bi ksur ta’ l-Art. 203 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel atti jew gesti oxxeni li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat ammetta l-ewwel akkuza migjuba kontrih a tenna wara li l-Qorti fissritlu bi kliem car il-konsegwenzi ta’ ammissjoni.

Issibu hati stante ammissjoni.

Rat l-art 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 28A tal-istess kap li ser tapplika stante l-kondotta aktarx nadifa ta’ l-akkuzat.

Tikkundanna lill-akkuzat  sentejn habs liema sentenza m’ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzt jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien sentejn (2) m’illum flimkien ma’ hamsin lira (Lm50) multa ghandha tithallas fi zmien sebat (7) ijiem millum.

Il-Qorti qed tfisser lil hati r-responsabbilta' tieghu taht l-artikoli 28A u 28B jekk  jikkommetti reat iehor fiz-zmien operattiv ta' din is-sentenza, tilliberah mit-tieni akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------